

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Frar 2008 —
Usinor vs L-UASI — Corus UK (GALVALLOY)**

(Kawża T-189/05) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedura ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali GALVALLOY — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti GALVALLIA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94”)

(2008/C 79/52)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Usinor SA (Puteaux, Franża) (rappreżentanti: P. de Candé u J. Blanchard, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Partijiet oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta’ l-Appell ta’ l-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Corus UK Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Malynicz, barrister)

Suġġett

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni ta’ l-Ewwel Bord ta’ l-Appell ta’ l-UASI ta’ l-10 ta’ Frar 2005 (Każ R 411/2004-1) dwar proċedura ta’ oppożizzjoni bejn Unisor SA u Corus UK Ltd.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni ta’ l-Ewwel Bord ta’ l-Appell ta’ l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (L-UASI) ta’ l-10 ta’ Frar 2005 (Każ R 411/2004-1) hija annullata.
- 2) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu, kif ukoll dawk ta’ Unisor SA.
- 3) Corus UK Ltd għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 182, 23.7.2005.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Frar 2008 —
Provincia di Imperia vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-351/05) ⁽¹⁾

(“Fond Soċjali Ewropew — Għajjuna finanzjarja Komunitarja fil-qasam ta’ miżuri innovattivi skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1784/1999 — Sejħa għal proposti — Ċaħda tal-proposta”)

(2008/C 79/53)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Provincia di Imperia (l-Italja) (rappreżentanti: S. Rostagno u K. Platteau, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Martin u A. Weimar, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-30 ta’ Ġunju 2005, li tirrifjuta l-proposta 2005/VP021/20293 ippreżentata mill-Provincia di Imperia bħala risposta għall-proposti VP/2003/021, dwar il-“Miżuri innovattivi skond l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew: ‘Approċċi ġodda għat-tmexxija tal-bidla’”, u kull att relatat ma’ din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Provincia di Imperia hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 296, 26.11.2005.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Frar 2008 —
Sanofi-Aventis vs L-UASI — GD Searle (ATURION)**

(Kawża T-146/06) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedura ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali ATURION — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti URION — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Nuqqas ta’ xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”)

(2008/C 79/54)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Sanofi-Aventis SA (Pariġi, Franża) (rappreżentanti: E. Armijo Chávarri u A. Castán Pérez-Gómez, avukati)